# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 496/2015

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Salvinu Vella**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet originarjament dedotti kontra l-appellant, Salvinu Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 56759M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli, fit-28 t'Ottubru, 2012 għall-ħabta tas-7:30hrs waqt li kien ġewwa Għalqa, fil-limiti ta' Ramla Bay, Mellieħa:

1) Kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u jew ġlied;

2) U aktar talli ħebb għall-persuna ta' Edwin Buttigieg permess ta' żappuna w ikkaġunajtlu feriti ta' natura gravi skont kif iċċertifika Dr Nicholas J. Vassallo MD reg no:1929 Mellieħa.

Rat ir-rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju, 2014 li bih baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli

214,216,217,338(dd) u 339(1)€ tal-Kap 9 u fl-artikoli 382A, 383, 412C u 533 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-23 t' Ottubru, 2015 li biha sabet lil imputat ħati tal-ewwel u t-t-tieni imputazzjoni u kkundannatu tmienja u ħamsin Ewro (€58) ammenda dwar l-ewwel imputazzjoni u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 kwantu it-tieni imputazzjoni u applikat fil-konfront tieghu l-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali ghal zmien sena fuq penali ta' ħames mitt Ewro (€500);

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2015 permezz ta' liema li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant imputat minn kull piena u ħtija, jew b'mod alternattiv, wara li tħassar is-sentenza appellata, tirrimanda l-kawża lura lill-Qorti tal-Maġistrati jekk hekk jidhrilha;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'ħames aggravji ta' natura procedurali kif ukoll ta' sustanza. Ir-raba' aggravju izda, dak dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, logikament ser ikun trattat *in primis*. L-appellant josserva illi

fir-rinviju ghall-gudizzju, L-Avukat Generali indika l-artikoli 214, 216 u 217 u 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali bhala l-artikoli li dwarhom setghet tinsab htija. Meta l-Qorti imbaghad sabet htija sia fl-ewwel kif ukoll fit-tieni imputazzjoni, ccitat l-artikoli 338(dd) Kap 9 dwar ksur ta' bon ordni pubbliku u 221(2) Kap 9 dwar "ferita" (*recte:* offiza) ta' natura gravi. Din il-Qorti *ex officio* tissolleva ulterjorment illi l-Avukat Generali kien indika ukoll l-artikolu 339(1)(e) b'dan ghalhekk illi l-ewwel Qorti kellha quddiemha tliet imputazzjonijiet u mhux tnejn. Meta allura l-ewwel Qorti sabet htija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni effettivament ippekkat f'zewg istanzi billi naqset milli tindika l-artikoli dwar l-offiza gravi u naqset milli tikkonsidra u tiddeciedi dwar r-reat ravvizat fl-artikolu 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali;

2. Il-Qorti mghandiex ghalfejn taghmel konsiderazzjonijiet fit-tul dwar dan ghaliex l-appellant ghandu ragun. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> **382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**.

3. Dak li trid il-ligi hu semplicement li jkun indikat l-artikolu li dwaru tkun instabet htija, altrimenti jkun hemm nullita' (**Pulizija vs Trevor Farrugia** App Krim 29.1.1996) - mhux l-artikolu li jistabilixxi l-piena, jew l-artikolu li jaghmel r-reat aggravat (basta li jkun indikat l-artikolu tar-reat principali) (**Pulizija vs Michael Zarb** App Krim 8.5.2014, jew li possibilment izzid il-piena, jew artikolu konsegwenzjali ghall-piena bhal dak dwar skwalifika ta' licenzja, izda biss u semplicement dak li jaghmel il-fatt imputabbli. Fil-kaz odjern

kellu tal-anqas jkun indikat l-artikolu 214 ghaliex l-artikolu 221(2) muhiex l-artikolu tar-reat principali, igifieri l-artikolu 221(1) . L-artikolu 221(2) jirreferi ghal-piena f'kaz ta' offiza ta' natura hafifa kommessa b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew li jniggez. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li "*il-griehi* [recte: offizi] *sofferti minn Edwin Buttigieg kienu griehi* [recte: offizi] *ta' natura gravi*;

4. Kwantu ghal dak li ssollevat mill-Qorti *ex officio*, Qorti ma tistax ma tiddisponix minn imputazzjoni kif fil-fatt gara meta l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 339(1)(e) (**Pulizija vs Carmel Mifsud** App Krim 6.7.2007). L-ewwel Qorti ghalhekk ippekkat meta naqset milli tindika l-artikoli kollha tal-ligi li dwarhom instabet htija kif ukoll meta naqset milli tiddisponi minn wahda mill-imputazzjonijiet. Konsegwentement qed tiddikjara is-sentenza appellata nulla u bla effett;

5. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita; li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nulla parzjalment. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard**) anke jekk mhux applikabbli fil-kaz odjern. Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-

Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995);

Ikkonsidrat:

6. Illi l-fatti ta' dan il-kaz imorru lura ghas-sena 2012 u jirrigwardaw skontru bejn zewg giren ta' ghalqa fejn wiehed minnhom, Edwin Buttigieg, sofra offiza fuq il-persuna tieghu. L-uniku terren komuni hu li l-imputat iddecieda li jaqta' pajp tal-ilma li sab qed jimblokka l-entratura ghall-ghalqa tieghu fil-livell ta' madwar metru 'l fuq mill-art. Il-kumplament jikkonsisti f'zewg verzjonijiet fejn Buttigieg jghid illi malli intembah li l-imputat kien qed jaqta' l-pajp, libes biss malajr qalziet u appena wasal fuq l-imputat staqsieh ghaliex kien qata l-pajp u hemm inqala' diverbju li spicca bil-kwerelant isofri offizi fuq dirghajh tal-lemin li jghid li originat minn daqqa li tah l-imputat biz-zappuna;

7. L-imputat joffri verzjoni differenti u jghid illi malli l-kwerelant wasal ghal-fuqu, kellu jiddefendi lilu nnffisu mill-agressjoni tal-kwerelant u filwaqt illi t-tnejn li huma qabdu jissarawh mal-manku taz-zappuna, l-kwerelant zelaq fuq il-madum mxarrab tat-terazzin tal-kamra tieghu u fetah idejh mal-grada tal-aluminium f'parti fejn taqta' hafna (dokumentata f'wiehed mir-ritratti esebiti;

8. Skond dak li xehedet mart il-kwerelant, dakinhar zewggha qam ftit qabilha, ttawwal mit-tieqa u hareg ghal fuq it-terrazzin. Ftit wara semghet kommissjoni u ghajjat u telghet lejn l-ghelieqi u l-kmamar fejn rat lill-zewggha gharkubtehgh malart qed

jipprova jitla u lit-tnejn li huma jargumentaw u jzommu zappun mill-manku. Kellu d-demm f'halqu u f'idejh;

9. Kif inhu ben assodat fil-gurisprudenza, mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni. Huwa fil-mansjoni tal-gudikant li jipprova jasal ghal min qed jghid il-verita' mic-cirkostanzi u l-assjem tal-provi l-ohra. U dan in omagg ta' dak li jipprovdi l-artikolu 638 li xhud wiehed biss, jekk emnut, huwa bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox. Din il-Qorti ma kelliex il-beneficcju li tisma lix-xhieda *viva voce* u ghalhekk dak li tista' testrapola mit-traskrizzjoni tax-xhieda, dwar il-komportament u l-imgieba taghhom biex tara lil minn ser temmen huwa ferm u ferm limitat. Dak li l-Qorti tqis li huwa ferm relevant, izda, hu li l-imputat jghid li kellu jiddefendi ruhu mill-aggressjoni tal-kwerelant li f'dak il-hin prezenta ruhu hafi u zelaq fuq il-madum. Minn naha l-ohra, l-kwrelant sofra mhux biss offiza fuq idejh fil-posizzjoni bejn il-pala tal-id u l-minkeb. Ghaliex sofra offizi ohra fosthom qasma fix-xoffa, tbengil kif deskritt fil-paragrafu li jmiss;

10. It-tabib Dr Nicholas Vassallo xehed li kkonstata is-segwenti offizi fuq il-kwerelant meta ezaminah ftit hin biss wara: "*Right Forearm 2 lesions. 1. Triangular shaped lacerocontused wound in middle of forearm and measuring 3cm x 2cm. ". Eliptical lacerocontused wound in distal forearm 2cm long and 2mm; R Hand – 2 circular wounds 0.5cm in diameter; Scalp: 3mm wound behind right ear lobule; Right loin 2 contusions 4cm x 3cm each; Lowerlip lacercontused wound 1cm x 3 cm; Left side superficial skin scratch 17.5 cm long x 3cm wide. All lesions are minor injuries, safe complications.*" L-imputat ma ssubixxa ebda offiza minkejja li jghid li l-kwerelant imbuttah u waqa minn gholi ta' erba filghati ghall-gol ghalqa. Mitlub jghid kif din l-

imbottatura u waqa, ma hallew ebda marka fuqu jispjega li l-hamrija kienet ghadha mahruta. Il-Qorti hadet kont ukoll tal-konsistenza tax-xhieda tal-kwerelant Edwin Buttigieg meta mqabbla mal-verzjoni li ta lill-Pulizija meta accedew fuq il-post;

11. Wara d-debita konsiderazzjoni, l-Qorti tghazel illi temmen il-verzjoni tal-kwerelant bhala l-aktar wahda kredibbli;

12. Kwantu l-ewwel imputazzjoni, l-imputat jargumenta illi din hija preskritta bi trapass ta' tlett xhur stante li hita' natura kontravenzjonali kif ukoll li qatt ma setghet tirrizulta. L-imputat kien orignarjament notifikat sabiex jidher ghall-udjenza tas-26 ta' Frar, 2013 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2014 intalbet korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni, din intlaqghet u l-imputat ta ruhu b'notifikat, liema tibdil innecessita bdil fil-kompetenza tal-Qorti ghal wahda Istruttorja. Issa, f'dan il-kaz, n-notifika originali tal-imputazzjoni tiswa sabiex tinkiser il-preskrizzjoni trimestrali dwar l-ewwel imputazzjoni ta' natura kontravvenzjonali skond l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-aggravju li issa jitqies bhala eccezzjoni, huwa michud;

13. Isegwi ghalhekk li issa jkun deciz il-mertu u l-Qorti sejra minnufih tiddikjara li l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax. Dan ghaliex sabiex jirrizulta ksur ta' bon ordni w paci pubbliku, jehtieg li tingieb il-prova li l-allegat agir kkreja nkolumita' u biza fil-pubbliku, haga din li ma tirrizultax mill-atti processwali. Ghalhekk ma tistax tinsab htija fl-ewwel imputazzjoni;

14. Kwantu t-tieni imputazzjoni, l-Qorti gia ssenjalat illi l-verzjoni tal-kwerelant hija l-aktar wahda attendibbli u li ghandha mis-sewwa. Huwa rimess ghall-gudikant f'tali cirkostanzi illi jghazel li jemmen lil-xhud f'kollox jew f'parti minn

dak li jghid. Ma jfissirx illi ghaliex Qorti tghazel li ma temminx lil xhud f'haga, ma tistax temmnu fi hwejjeg ohra. Fil-kaz in disamina, l-Qorti ma temminx li l-offizi li l-kwerelant garrab f'idejh (forearm) kienet rizultat ta' kuntatt ma' parti li taqta' tal-grada tal-aluminium. Ir-ritratt esebit mill-imputat juri xifer ta' parti mill-gradi li jidher li jaqta' sew. Kuntatt ma dan f'sitwazzjoni ta' waqa, kien certament jissarraf f'lacerazzjoni ferm aktar gravi minn dik li ssubixxa l-kwerelant. Imbaghad hemm l-offizi l-ohra elenkati mit-tabib kuranti tal-kwerelant u t-tbengila murija fir-ritratt minnu esebit a fol 23A. U anke hawn l-Qorti taghzel li temmen lill-kwerelant li kien l-imputat l-awtur ta' dawk l-offizi;

15. Jokkorri issa li tkun konsiderata n-natura tal-offiza fuq l-"id" (forearm) tal-kwerelant. Dr. Nicholas Vassallo xehed illi meta ra l-offiza l-ewwel darba ftit hin wara l-incident, klassifika l-istess bhala offiza ta' natura hafifa salv komplikazzjoni. Meta rega ezaminaha prorpju fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2014 deherlu li l-offiza halliet marka u ghalhekk kellha issa tkun klassifikata bhala wahda gravi. (Kien ghalhekk li l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni u l-kawza kompliet fi stadju tal-Istruttorja);

16. Dwar din l-offiza, l-imputat iressaq l-argument illi din ma tistax tkun klassifikata bhala wahda gravi ghaliex la hi fil-wicc, la fl-ghonq u anqas fuq wahda mill-idejn. Irid jinghad illi din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tara hi *icto oculi* jekk din l-offiza hallitx xi marka jew le. Dan **izda**, ma kien ser ikun ta' ebda ghajnuna ghaliex l-kwerelant ma garrab ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali jew li setghet ggib il-konsegwenzi hemm imsemmija;

17. L-artikolu 216 (1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. It test Inkliz juza l-kelma "*hands*" u dan hu ta' ghajnuna ghad-dibattitu

mqanqal mill-imputat meta jghid li la darba l-ligi titkellem fuq l-idejn dan minnu nniffsu jeskludi id-drigh, ossia li l-id ma tinkludix id-drigh. Tajjeb li ssir referenza ghal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-**Notes On Criminal Law** – Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jghid: "*Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands* <u>*– the most conspicuous parts of the human body...*"</u> (Sottolinear tal-Qorti);

18. Meta offiza ggib mankament jew sfregju fill-wicc, l-ghonq jew wahda mill-idejn, dik l-offiza tkun wahda gravi *ex* artikolu 216(1) (b) tal-Kodici Kriminali anke jekk dak l-isfregju jdum ghal ftit hin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jehtieg ezami vizwali minn distanza mhux ragjonevoli, dak l-isfregju jitqies sfregju gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(b).

22. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccit b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

**B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto *notevole o complessivo, o per l'entitia' della alterazjoni stessa o per l'espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., <u>Trattato di Diritto Penali,</u> Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-<u>regolarita</u>' tal-wicc, fl-<u>armonija</u> tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik il-hija s-<u>sbuhija</u> tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu**

**jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-<u>Pulizija vs Emily Zarb</u> App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm simplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

19. Naturalment dak li intqal dwar il-wicc huwa ugwalment applikabbli ghall-ghonq u ghall-idejn. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a). Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn, fl-ghonq jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn. Dan hu hekk ghaliex il-legislatur donnu jaghti protezzjoni specjali ghal dawk l-estremitajiet tal-gisem li solitament huma dejjem mikxufin u ghaliex mankament jew sfregju fihom igibu maghhom il-konsegwenzi naturali u ovvji fuq l-offiz.

20. Fis-sistema legali tagha, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit zmien jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi

relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-sentenza citata saret refeneza ghal-diversi sentenzi ohra foshom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijeit ohra, l-isregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura <u>temporanea</u>, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment..."**

21. Fi kliem iehor, offiza gravi tista' ssehh fuq kull parti tal-gisem, pero' fejn si tratta tal-wicc, l-ghonq jew l-idejn hija dejjem gravi jekk iggib sfregju anka ghal ftit hin kif fuq spjegat. F'kaz ta' permanenza, dik l-offiza tkun gravissima. Issa jekk l-offiza ssir fuq parti ohra tal-gisem il-kwistjoni dwar jekk tkunx wahda hafifa, gravi jew gravissima tiddependi minn jekk tirrientrax f'dak ravvizat fil-kumplament tal-artikoli 216, 218 u fin-nuqqas 221(1).

22. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi la darba l-offiza mhix fuq il-wicc, l-ghonq jew l-idejn tal-kwerelant, u la darba ma gabet ebda wahda mill-konsegwenzi msemmija fl-artikoli 216 jew 218 fuq xi parti ohra tal-gisem, l-offiza hija wahda hafifa. Ghalhekk filwaqt li ma tistghax tinsab htija ta' offiza gravi qed tinsab htija

ta' reat anqas gravi u cioe' ta' offiza hafifa fit-termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali bl-aggravanti msemmi fis-subartikolu (2);

23. Il-Qorti qed issib ukoll lill-imputat hati tal-kontravenzjoni ravvizata fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali la darba irrizulta t-theddid hemm ravvizat fil-kliema "darb'ohra noqtlu u nissegalu rasu".

24. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan il-kaz billi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' ksur ta' bon ordni pubbliku b'ghajjat u glied u tilliberah minn din l-imputazzjoni. Ma ssibux hati wkoll talli kkommetta offiza gravi fuq il-persuna ta' Edwin Buttigieg u tilliberah minnha. Issibu hati, izda, ta' offiza hafifa fuq il-persuna ta' Edwin Buttigieg bl-aggravju tal-istrument li jaqta' jerw iniggez, kif ukoll ta' theddid fil-konfront tal-istess Edwin Buttigieg;

25. Ghalhekk wara, li r-rat l-artikol tal-Kodici Kriminali, 214, 221(1) u (2) kif vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, u dak 339(1)(e), u wara li rat il-fedina penali tal-hati, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446;

26. Inoltre, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Edwin Buttigieg qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnfisu taht penali ta' hames mitt euro (€500) ghal zmien sena mil-lum.

27. Il-Qorti fissret lill-hati l-obligazzjonijiet tieghu naxxenti minn din is-sentenza.